**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021;</u>**

**<u>Rikors nru: 221/21 AGV ;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors AB,** datat 2 ta' Gunju, 2021, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbatax ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (14.06.2014), Dok MB 1;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante illi l-partijiet ilhom de jure legalment separati, mit-2 ta' Mejju 2019 in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Josef Masini Vento – Dok MB 2. Illi m'hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijietli, illum il-gurnata qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Illi wkoll, m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;

4. Illid awn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit anness fl-atti u mmarkati bhala Dok MB 3;

5. Illi jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f'Malta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, jghogobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportune a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat mill-partijiet fl-14 ta' Gunju 2014;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Lulju, 2021, l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep. Reg.**